MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 275/2015

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-Socjeta' attrici datat 16 t' April, 2015 fejn iddikjarawr:

Illi l-ammont dovut mill-konvenut lis-Socjeta' attrici li jirraprezenta arretrati ta' kera tal-fond ossia garage numru 18, Palatino Garages, Triq Sir William Gervois, San Pawl tat-Targa, liema garaxx kien mikri lill-konvenut u liema kirja issa hija terminata.

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt in Subizzjoni.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-23 ta' Gunju, 2015 mill-Avukat Dr Anthony Cutajar u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Illi fic-cirkostanzi t-Tribunal ihoss illi t-talba giet sufficjentament ippruvata u l-ammont ghadu dovut.

Ghaldaqtstant jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba fl-ammont ta' elf mitejn u tmienja u sittin Ewro u hmistax-il centezmu (€1,268.15c) bl-imghax u bl-ispejjez hekk kif indikati fl-avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------